TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Talba CCT 90/22/F

**Monica Cutajar**

**vs**

**Carmelo Farrugia – Melfar Limited**

Illum, 6 ta' Ġunju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-15 ta' Ġunju 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fil-5 ta' Mejju 2023;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti u n-noti ta' sottomissjonijiet ppreżentati mill-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrenti qiegħda titlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallasha lura s-somma ta' erba mija u ħamsin Euro (€450) li hija ġiet mitluba tħallas għal tiswija ta' *stair lift* li kien għadu taħt garanzija. Telabora fl-Avviż tat-Talba li minkejja li l-i*stair lift* kien għadu taħt garanzija, il-flus mitluba mill-azjenda intimata tħallsu xorta sabiex ir-raġel tar-Rikorrenti ma jkunx aktar imsakkar f'daru.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha, l-azjenda intimata teċċepixi li t-talba tar-Rikorrenti għandha tiġi miċħuda għax ir-Rikorrenti la ffirmat kuntratt ta'

manutenzjoni u wisq anqas għamlet manutenzjoni fuq l-i*stair lift* tul il-perjodu li kien ilu installat. Mill-banda l-oħra, tgħid li minkejja dan kollu, hija xortawaħda offriet prezz vantuġġjuż lir-Rikorrenti għat-tiswijiet li kienu neċessarja sabiex l-i*stair lift* reġa' ngħieb funzjonabbli.

Illi l-azjenda intimata tispjega li l-i*stair lift* kien waqaf jaħdem kemm minħabba li tħassrulu l-batteriji iżda ukoll minħabba nuqqas ta' użu. Finalment, issostni li r-Rikorrenti la ffirmat kuntratt ta' manutenzjoni u wisq anqas għamlet manutenzjoni fuq l-i*stair lift* tul il-perjodu li kien ilu installat. Mill-banda l-oħra, tgħid li minkejja dan kollu, hija xortawaħda offriet prezz vantuġġjuż lir-Rikorrenti għat-tiswijiet li kienu neċessarja sabiex l-i*stair lift* reġa' ngħieb funzjonabbli.

Illi dwar il-kwistjoni tal-garanzija, il-klawżola li tistrieħ fuqha l-azjenda intimata tgħid li *"price includes two years guarantee against manufacture and installation defects only, provided a maintenance contract is signed with us as sole authorised and qualified engineeres by manufacturer"*. Għalhekk, bħal ma hija ssostni, l-garanzija li hija offriet fuq l-i*stair lift* mibjugħ lir-Rikrrenti hija soġġetta għall-kwalifika li l-manutenzjoni ssir minnha biss taħt *'maintenance contract'*, liema manutenzjoni ma saritx.

Illi għalhekk, il-kwistjoni primarja li jrid jistħarreġ it-Tribunal hija jekk meta ġiet rappurtata l-ħsara fl-i*stair lift*, dan kienx kopert minn garanzija kontra ħsarat u difetti.

Illi mix-xhieda ta' Bernice Sammut, bint ir-Rikorrenti, joħroġ li l-i*stair lift* in kwistjoni ġie installat fid-dar tar-Rikorrenti f'Jannar 2021 u l-ħsara inqalgħet għall-ħabta ta' Lulju 2022. Konsegwenza ta' din il-ħsara missierha Salvu Cutajar spiċċa msakkar id-dar għal perjodu ta' madwar 9 xhur. Tgħid li wara ħafna żmien, waslu l-parts minn barra u l-istair lift issewwa iżda kienet ferm sorpriża li l-azjenda intimata talbet li titħallas €450 għat-tiswijiet meta l-prodott kien għadu taħt garanzija. Minkejja dan, l-ammont kollu tħallas "taħt protesta" sabiex missierha jkun jista' jerġa' joħroġ mid-dar.

Illi fix-xhieda tiegħu, Carmelo Farrugia, f'isem l-azjenda intimata jirribatti li l-i*stair lift* mhux veru ġie installat f'Jannar 2021 iżda sena qabel f'Jannar 2020 u skont ma jispjega, kien ovvju li l-problemi li kien hemm kienu riżultanti minn nuqqas ta' użu u nuqqas ta' manutanzjoni regolari u saħansitra nuqqas ta' tindif ukoll, minħabba li kien installat fuq barra.

Illi mill-fattura eżebita mill-azjenda intimata stess, jirriżulta li kienu saru *"stair lift repairs covering 20 Sep 21 to 9 Jun 22"* u li kien qed jintalab ħlas ta' €390.48 + VAT għat-tiswijiet kif ukoll €90.48 + VAT għall-żewġ batteriji ġodda. Id-dati mogħtija fuq din il-fattura jikkombaċaw direttament ma dak li tixhed Bernice Sammut u ċioè li damu sprovisti mill-i*stair lift* għal 9 xhur. Għalhekk, it-Tribunal iqis li d-data relevanti għall-eżami tiegħu hija l-20 ta' Settembru 2021. Ċertament, dakinhar ma kienux għadhom għaddew sentejn mid-data tal-installazzjoni.

Illi l-garanzija li l-liġi tagħti lill-Konsumtur toħroġ mill-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar [...]".

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Att jistabilixxi li "fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu u fl-artikolu 75". F'dan il-każ saru tiswijiet diġà u r-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża l-ħlas li hija ġiet kostretta li tagħmel għalihom. Tibbaża din it-talba fuq l-Artikolu 75(2)(1) tal-Att jgħid f'termini mill-iżjed ċari li f'każ ta' nuqqas ta' konformità ossija difetti, it-tiswijiet għandhom ikunu bla ħlas.

Illi mill-banda l-oħra, l-azjenda intimata tibbaża d-difiża tagħha fuq ir-riżerva li hemm fil-garanzija kummerċjali li hija provdiet lir-Rikorrenti.

Illi fl-Artikolu 82, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jgħid li "garanzija kummerċjali hija garanzija addizzjonali li tqiegħed lill-benefiċjarju ta' dik il-garanzija f'pożizzjoni iktar vantaġġuża min dik stabbilita bil-liġi" u fl-istess waqt jagħmilha ċara li "garanzija kummerċjali ma għandhiex tkun tolqot ħażin rimedji oħra li jkunu disponibbli taħt kull liġi oħra li tkun tirregola r-responsabbiltà li toħroġ minn kuntratt jew delitt". Fl-Artikolu 85 imbagħad ikomli jippreċiża li "garanzija kummerċjali u kull dritt mogħti lil konsumatur taħt il-garanzija ma għandhom b'ebda mod, sew dirett sew indirett, jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet ta' konsumatur taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra. Kull esklużjoni jew limitazzjoni simili li jiġu stipulati bi ksur ta' din il-projbizzjoni għandhom ikunu nulli u ineffettivi".

Illi jsegwi għalhekk li fil-mument li ġiet rappurtata l-ħsara fl-i*stair lift*, kienet veljanti l-garanzija legali li bħala tali, tissupera l-garanzija kummerċjali mogħtija

mill-azjenda intimata u kull kondizzjoni jew riżerva naxxenti minnha. Ladarba l-liġi trid li t-tiswijiet isiru b'xejn, ir-Rikorrenti hija ġustifikata li titlob lura dak li hija ġiet mitluba tħallas.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha, jordna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' erba mija u ħamsin Euro (€450), bl-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***